# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 15**

**Rikors numru 626/08/1 SM**

**Jesmond Grima**

**v.**

**1. Hugo Chetcuti u b'digriet tas-26 ta' Diċembru 2018 Dr. Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Hugo Chetcuti li miet fil-mori tal-kawża;**
**2. Kunsill Lokali San Giljan**
**3. Attard Bros. Co. Ltd, u b'digriet tat-28 ta' April, 2009, ġiet korretta għal Attard *Blue Mix Concrete Supplies Limited* (C-15314)**
**4. Santa Katerina *Construction Ltd*. (C-36214)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-soċjetà konvenuta Santa Katerina Construction Ltd u ieħor imressaq mis-soċjetà konvenuta

Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited minn sentenza ta' nhar il-5 ta' Diċembru 2017 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u fejn ġie ddikjarat li s-soċjetajiet konvenuti appellanti huma solidalment responsabbli biex iħallsu lill-attur l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€24,988.37) sabiex jagħmlu tajjeb għall-ħsara sofferta minnu.

**Daħla**

2. L-attur, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat fit-18 ta' Ġunju 2008, talab lill-Ewwel Qorti:

> *"1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, huma responsabbli ghall-incident li sehh fl-4 ta' Mejju, 2007 waqt li l-attur kien miexi fi Triq Santa Rita, gewwa San Giljan, zelaq fuq cement likwidu li thalla fuq il-bankina/tarag b'mod mikxuf u ta' periklu ghall-utenti tat-triq tal-bankini, liema ncident sehh unikament minhabba non-kuranza, minhabba imprudenza, traskuragni, u nuqqas t'osservanza tad-debiti kawteli u regolamenti da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, stante li – filwaqt li kienu ghaddejin bil-mansjonijiet lavorattivin ta' kostruzzjoni taghhom u/jew wara li tali msemmija xogholijiet tlestew u/jew waqt li kienu qed jissorveljaw ix-xoghol – ma ttiehdux dawk il-mizuri u prekawzjonijiet idoneji sabiex tigi dejjem assikurata l-inkolumita` fizika ta' dawk il-persuni, qua utenti tat-triq/bankina;*
>
> *2. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-imsemmi ncident u ghad-danni kollha konsegwenzjali li soffra l-attur;*
>
> *3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, b'rizultat ta' dan l-incident fuq deskritt u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *4. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;"*

3. Illi skont is-sommarju ta' fatti prodott mill-Ewwel Qorti:

> "19.1. Illi ghall-habta tal-10.00p.m. tal-4 ta' Mejju, 2007, waqt li r-

rikorrenti kien miexi fi Triq Santa Rita Paceville, limiti ta' San Giljan, hu waqa', (ara foll 54 u 67);

19.2. Illi in effetti jirrizulta li l-istess rikorrenti zelaq f'ghadira ta' ilma u siment (ara foll 197), li kien hemm fl-art fit-trejqa de quo li hi ghan-nizla, (ara foll 54, 67, 50 sa 53 u 214 sa 221);

19.3. Illi l-post fejn l-istess rikorrenti zelaq kien effettivament rampa, (ara foll 197);

19.4. Illi jirrizulta li l-istess rampa kienet saret b'mod temporanju minflok it-tarag li kien hemm precedentement, bl-iskop li jinkiseb access ahjar ghall-uzu ta' gaffa biex issir demolizzjoni ta' sit ta' wahda mis-socjetajiet tal-intimat Chetcuti;

19.5. Illi r-rampa in dizamina saret mis-socjeta` intimata Santa Katerina Construction Limited billi, (ara foll 198):

19.5.1. Tpogga plastic fuq it-tarag ezistenti;

19.5.2. Intefa' materjal fuq l-istess;

19.5.3. Ir-rampa kellha talut ta' 1:8 jew 1:10 li hu wiehed accettabbli ghal pedestrian use;

19.5.4. Stante li r-rampa kienet wahda temporanja ma jirrizultax li kellha bzonn xi permessi;

19.6. Illi kienet ukoll l-istess socjeta` intimata Santa Katerina Construction Limited li ordnat il-konsenja tal-konkos hemm uzata, (ara foll 199);

19.7. Illi l-istess konkos kien konsenjat minn certu Orlando Cauchi li wara li effettwa l-konsenja de quo hasel it-trakk li kien gab il-konkos bih bl-ilma, u waqqa l-ilma u siment fit- tarf tar-rampa, (ara foll 199);

19.8. Illi l-imsemmi Orlando Cauchi kien impjegat mas-socjeta` intimata Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited, (ara foll 199);

19.9. Illi l-istess Orlando Cauchi naqas li jnaddaf il-qiegh tar- rampa de quo fejn zelaq ir-rikorrenti, (ara foll 198);"

4. Illi l-konvenuti ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

"4.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-11 t'Awwissu, 2008, li permezz taghha l-**Kunsill Lokali intimat** kien sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 58):

4.1. Illi preliminarjament mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4.2. Illi l-procedura odjerna hi intempestiva stante li l-Kunsill Lokali intimat kien gie interpellat quddiem il-Qorti tal- Magistrati (Malta), u ghalhekk, l-ispejjez ghandhom jigu sapportati mill-istess rikorrenti, (ara foll 62);

4.3. Illi la hu responsabbli ghall-akkadut u lanqas ghad-danni allegati;

4.4. Illi la ezegwew xogholijiet, la qabdu lil hadd biex jezegwixxi xogholijiet, la taw permessi ghal xogholijiet u lanqas jistghu jaghmlu dan ghaliex mhumiex l-awtorita` kompetenti;

4.5. Illi lanqas biss kienu edotti li kien hemm xi xoghol fil-post u fil-hin indikat;

4.6. Illi x-xogholijiet in kwistjoni kienu maghmulin f'post privat u l-periklu li seta' inholoq kien ikkagunat minn terzi u mhux minnhu;

4.7. Illi wara li kienu infurmaw lir-rikorrenti in segwitu tal-ittra ufficjali fil-Qorti tal-Magistrati, li ma kellhomx x'jaqsmu mal-incident de quo, dan kien accetta din ir-risposta, (ara foll 65);

4.8. Illi l-prospett tad-danni redatt mir-rikorrenti hu eccessiv;

4.9. Illi r-rikorrenti jrid jispjega kif l-ewwel interpella gudizzjarjament lill-Kunsill Lokali intimat quddiem il-Qorti tal-Magistrati, biex sussegwentement ipprezenta prospett ghad-danni li jezubera l-kompetenza ta' l-istess qorti msemmija;

5.0. Rat ir-risposta guramentata datat l-20 t'Awwissu, 2008, li permezz taghha s-socjeta` intimata **Attard Bros. Co. Ltd**. sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti ghat-talbiet tar- rikorrenti, (ara foll 74):

5.1. Illi l-imsemmija socjeta` intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi ma kienitx involuta fl-akkadut;

5.2. Illi kienet biss is-socjeta` Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited li ikkonsenjat konkos lis-socjeta` Santa Katarina Construction Limited, (ara foll 80);

5.3. Illi l-incident de quo gara minghajr l-ebda htija tas-socjeta` intimata jew ta' dik sussidjarja fuq riferita, jew tad- dipendenti taghhom;

5.4. Illi s-socjeta` sussidjarja fuq riferita effettwat vjagg konkos wiehed u dan sar skont is-sengha u minghajr ma giet perikolata l-integrata` personali tar-rikorrenti;

5.5. Illi l-obbligu li tigi zgurata s-sigurta` tal-persuni fuq is-sit hu impost fuq il-perit u l-kuntrattur tax-xogholijiet;

5.6. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

5.7. Salv risposti ulterjuri;

6.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-8 t'Ottubru, 2008, li permezz taghha l-**intimat Hugo Chetcuti** sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 84):
6.1. Illi mhux il-legittimu kontradittur, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li:

6.1.1. La hu proprjetarju tal-post fejn sehh l-incident; u

6.1.2. Lanqas hu proprjetarju ta' fejn kienu qed isiru x- xogholijiet in dizamina;

6.2. Illi ma kienx involut fix-xogholijiet in kwistjoni;

6.3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati stante li hu mhux responsabbli ghall-incident jew ghad-danni in dizamina;

6.4. Illi x-xogholijiet in dizamina kienu kollha koperti bil- permessi tal-awtoritajiet kompetenti;

6.5. Illi l-incident in dizamina sehh minhabba t-traskuragni u n-negligenza tar-rikorrenti stess jew ta' terzi;

6.6. Illi d-danni pretizi huma eccessivi;

6.7. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

6.8. Salv risposti ulterjuri;

7.0. Rat ir-risposta guramentata datata z-17 t'Ottubru, 2008, li permezz taghha **s-socjeta` intimata Santa Katerina Construction** Limited irrispondiet bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 87):

7.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

7.2. Illi mhix responsabbli ghall-incident u ghad-danni allegati;

7.3. Illi d-danni pretizi huma eccessivi;

7.4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti indirizzati fil-konfront taghha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

7.5. Salv risposti ulterjuri;"

5. Illi ġie nkarigat il-Perit Valerio Schembri sabiex jiġbor il-provi u jirrelata kif għamel permezz ta' rapport fuq l-istess (*fol.*173 *et. seq.*). Xehdu diversi xhieda. Hu wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

> "01 L-incident li fih wegga Jesmond Grima sehh nhar l-04 ta' Mejju 2007 fuq rampa li kien hemm fi Triq Santa Rita (jew ahjar St. Rita Steps), San Giljan u fil-post muri fuq ir-ritratti Dok STJ 01 sa Dok STJ 04 waqt l-access. L-istat tal-post ta' l-incident ftit hin wara li sehh qed jigi muri fuq fotografiji 1 sa 7 annessi man-nota ta' l-attur esebita waqt is-seduta tal- 21 ta' April 2009. Id-data ta' l-incident hija kkonfermata kemm mill-attur fl-affidavit tieghu kif ukoll fir-rapport Dok MS 210401 esebit mill-Ispettur Martin Sammut. L-attur jallega li zelaq fuq ic-camura tal-ilma u siment li kien hemm f'ghadira fuq parti mir-rampa jew pjan ta' l-istess rampa. PS 928 Ramon Mifsud Grech meta jixhed quddiem l-esponent jghid li l- ghada ta' l-incident kien acceda fuq il-post "... u sibt liquid cement pero xott u kien hemm ticlis ma l-art li nixef... ". In kontro-ezami s-Sindku ta' San Giljan jikkonferma wkoll li meta acceda fuq il-post kien ra ilma bis-siment li kien ghadu ftit niedi gej minn fuq u mhux mis-sit ta' kostruzzjoni.
>
> 02 Dwar ir-rampa propja u mertu tal-kawza jidher li din saret sabiex jinkiseb access ahjar permezz ta' gaffa sabiex issir id-demolizzjoni tas-sit ta' wahda mill-kumpaniji tal-konvenut Hugo Chetchuti. Jidher illi din saret b'mod temporanju mis-socjeta konvenuta Santa Katerina Construction Ltd. billi sar xi plastic fuq il-wicc tat-tarag gia ezistenti u ntefa l-materjal sabiex inkiseb talut identiku ghal dak tat-tarag. Il-Perit Christian Spiteri nkarigat mill-izvilupp li sar biswit ir-rampa jikkonferma li r-rampa kellha talut ta' 1:8 jew 1:10, li skond l-abbli kollega ma kienx talut inkwetanti u li dan mertu tal-kawza kien l-unika incident li kien jaf bih li sehh fir-rampa in kwistjoni. Hija l-umli opinjoni ta' l-esponent illi t-talut in kwistjoni huwa wiehed accettabbli ghal pedestrian use u in atti ma hemmx provi li sehhew incidenti ohrajn fir-rampa in kwistjoni salv dak mertu tal-kawza. Minn dak li jixdhu r-rapprezentanti tal-MEPA Suzanne Sammut u Marija Portelli jidher illi stante li kienet rampa temporanja ma jidhirx li kien hemm bzonn permessi ta' l-istess Awtorita ghaliha.
>
> 03 Dwar l-ilma u s-siment li jidher illi zelaq fih Jesmond Grima jinghad illi mir-rapport li sar lill-Pulizija esebit Dok MS 210401 jirrizulta rraportat is- segwenti: ... a certain Orlando Cauchi holder of ID Card Number 528182 M and was driving truck bearing Reg. Nr LCG 935. Cauchi was spoken to at the station where after being informed with the situation stated taht at the end of every load of cement he had to clean the truck rear part by means of a water pipe. Same added that on that date he had done so as usual and as the water and cement

fell on the stairs and on the slope he failed to sweep away and left it there...". Dennis Baldacchino personnel manager ta' Attard Bros. Company Ltd. jixhed illi dan Orlando Cauchi fit-30 ta' April 2007 (l-incident mertu tal-kawza sehh nhar l-04 ta' Mejju 2007) kien gie mpjegat ma Attard Bluemix Concrete Supplies pero qabel din id-data kien impjegat tas-socjeta konvenuta Attard Bros. Company Ltd. Matthew Micallef impjegat ta' Attard Blue Mix Concrete Supplies jikkonferma li l-konsenja tal-konkos kienet ordnata mis-socjeta konvenuta Santa Katerina Construction u li Orlando Cauchi kien ikkonsenja l-istess konkos. Skond dan Micallef ix- xufiera ghandhom struzzjonijiet sabiex inaddfu l-ingenji meta jirritornaw lura fil-fabbrika u ma jhallux hmieg warajhom fuq il-lant. Orlando Cauchi jixhed fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012 u jghid li halla s-sit nadif mill- ahjar li setgha u li ma naddafx id-delu bil-pipe.

04 Anthony Bonnano li fi zmien li sehh l-incident mertu tal-kawza kien wiehed mid-diretturi tas-socjeta konvenuta Santa Katerina Construction Ltd. jixhed illi l-haddiema tieghu "... ma kienux qed jahdmu bl-ilma li setgha johrog barra, ma fejn f'liema parti sar l-incident mertu tal-kawza…". Kenneth Borg id-direttur l-iehor ta' l-istess socjeta konvenuta fl- affidavit tieghu jikkonferma li waqt il-kostruzzjoni ma kienx ikun hafna fuq il-post u li fil-jum ta' l-incident in dizamina l-konkos kien qed jinghata fuq il-pedamenti. In kontro-ezami l-istess Borg jikkonferma li ma kienx prezenti meta gie kkonsenjat il-konkos fil-jum li fih sehh l-incident mertu tal-kawza. In kontro-ezami Peter Bonello s-Sindku tal-Kunsill konvenut jghid "... mill-construction site ma jidhirlix li kien hemm sinjali ta' ilma hiereg minnu... "

05 Il-konvenut Kunsill Lokali San Giljan ma jidhirx illi hareg permessi ghal istess rampa mertu tal-kawza u dan huwa kkonfermat fix-xhieda ta Peter Bonello u Helen Walker, is-Sindku u s-Segretarja Ezekuttiva ta' l- istess Kunsill rispettivament. L-istess xhieda jikkonfermaw illi l-Kunsill ma kienx infurmat bix-xogholijiet li kienu ghaddejjin u lanqas irceva xi lmenti fir-rigward."

6. In eskussjoni l-istess Perit Schembri saħaq illi:

"Mistoqsi jekk insostnix illi fir-relazzjoni tieghi a fol 173 et sequitur fil-fatt m'hemm l-ebda konkluzjonijiet rigwardanti r-responsabbilta' nghid illi jiena ma naqbilx ma din il-konkluzjoni. Il-konkluzjonijiet tieghi jidhru elenkati a fol 197 sa fol 200 fil-paragrafi hemm indikati mill-1 sal-5 intestati konkluzjonijiet. Fil-paragrafu numru 1 a fol 197 hemm konkluzjoni kif kien l-istat tar-rampa meta sehh l-incident li fih wegga' Jesmond Grima. Kif rajtha jiena waqt l- access kienet differenti ghax meta mort ghall-access ir-rampa kienet tnehhiet minn hemm. Din tirrizulta wkoll minn parti minn statement li kien ghamel ix-xufier ta' Attard, nippreciza mhux ix-xufier, li kien ghamel is-Surgent li kien intbaghat fuq il-post ta' l- incident. Hemm esebit ukoll ir-rapport tal-pulizija fejn certu Orlando Cauchi li kien ix-xufier tat-trakk kien

ammetta li hasel it-trakk tieghu bil-pipe u l-ilma li uza nizel u gera mar-rampa. L-istess xhud imbaghad quddiem kien xehed bil-gurament illi fil-fatt ma kienx ghamel hekk.

Mill-provi irrizulta li l-ilma ma kienx hiereg mis-sit. Jekk irrizulta li effettivament meta hasel it-trakk bl-ilma nizel l-ilma bic-camura mieghu li hu t-trab tas-siment li jkun hemm fuq it-trakk nghid illi dawn il-verzjonijiet huma konfliggenti u sta ghall-Qorti li tara l-posizzjoni taghha fir-rigward, Mistoqsi jekk din il-konkluzjoni hix indikata fir-relazzjoni tieghi nghid le, Mistoqsi jekk ghalija hux rilevanti illi f'sitt sieghat l-ilma jista' jevapora tenut kont tal-fatt li kien fil-bidu tas-Sajf meta sar l-incident in dizamina nghid illi l-ilma per se jevapora wara certu hin pero ic-camura tibqa' u ghalhekk tigi tizloq. Tigi zlieq mhux issir trab. Mistoqsi jekk dan hux indikat fir-rapport nghid le.

Kontro ezami ulterjuri.

Mistoqsi jekk l-alternattivi tas-sitwazzjoni in dizamina hux jekk jitwemminx ix-xhieda ta' Orlando Cauchi li xehed quddiemi allura mhu responsabbli hadd ta' l-incident jew alternattivament jekk dan ma jitwemminx dak li qal quddiemi jigi responsabbli hu nghid illi r-rikorrenti Grima kien qed jallega li nizel minn hemmhekk u zelaq fic- camura. Il-Kunsill quddiemi sostna li ma kien jaf b'xejn bl-akkadut u l-kuntrattur sostna li kien hemm kuntrattur iehor hemmhekk. L-intimat Hugo Chetcuti qal illi kien hemm kuntrattur hemmhekk u l- kuntrattur senjatament Santa Katerina Construction Limited ged jghid li hu ma uza l-ebda ilma u ma hareg l-ebda ilma mis-sit. Dawn l-alternattivi kollha rrizultawli u qeghdin indikati fir-relazzjoni tieghi. Is-Sindku qal quddiemi li mar l-ghada ta' l-incident u ma rax ilma hiereg mis-sit izda ra l-fdalijiet tac-camura. L-istess sostna l-pulizija. Ghalhekk wiehed jew isostni l-verzjoni ta' Grima jew jemmen il-verzjoni l-ohra. Orlando Cauchi kif diga' ghidt quddiem il-pulizija kien sostna li kien hasel it-trakk u quddiemi biddel il- verzjoni u qal li t-trakk kien haslu d-dar.

Mistoqsi jekk hemmx responsabbilta' fil-konfront ta' l-intimat Hugo Chetcuti nghid illi Hugo Chetcuti personalment m'ghamel xejn, hu kien qabbad il-kuntratturi. Rigward il-Kunsill Lokali ninforma lill-Qorti illi dan ma kien involut bl-ebda mod fl-akkadut. Dan la kien jaf bix-xoghol u lanqas bl-approvazzjoni ghall-istess.

(*fol* 357 *et. seq)*

Ninforma lill-Qorti illi s-socjeta intimata Santa Katerina Construction Limited m'ghamlet xejn waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol taghha fis-sit li jikkawza li johrog ilma fir-rampa mertu tal-kawza. Jiena m'ghandi xejn x'inzid fir-rigward u nikkonferma r-relazzjoni tieghi.

(*fol.*368)”

7. Ġie nkarigat ukoll l-espert mediku Mr. Massimo Abela sabiex jeżamina lill-attur u rrelata permezz ta' rapport fuq l-istess (*fol.*379 *et. seq.)* fejn sab illi l-attur sofra diżabilità permanenti fir-rata ta' 5%.

8. Illi l-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti deċide:

> "*64.1. Tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kunsill Lokali intimat u mill-intimat Hugo Chetcuti;*
>
> *64.2. Tiddikjara ghalhekk lill-istess intimati indikati fil-paragrafu precedenti mhumiex il-legittimi kontradittturi tar-rikorrenti;*
>
> *64.3. Tillibera ghalhekk lill-istess intimati hawn indikati mill-osservanza tal-gudizzju;*
>
> *64.4. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tas-socjetajiet intimati Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited u Santa Katarina Construction Limited;*
>
> *64.5. Tirrespingi r-risposti kollha tal-istess socjetajiet intimati indikati fil-paragrafu ta' qabel;*
>
> *65.6. Tillikwida d-danni komplessivi sofferti mir-rikorrenti Jesmond Grima fl-ammont ta' erba' u ghoxrin elf disa' mija u tmienja u tmenin euro u sebgha u tletin centezmu, (€24,988.37);*
>
> *65.7. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited u Santa Katarina Construction Limited biex ihallsu in solidum lir-rikorrenti Jesmond Grima l-ammont hekk likwidat;*
>
> *65.8. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mid-data tal-prezentata tal-procedura odjerna, senjatament mit-18 ta' Gunju, 2008, sad-datat tal-effettiv pagament.*"

9. Is-soċjetajiet konvenuti ntavolaw appell, wieħed fl-20 ta' Diċembru 2017 u l-ieħor nhar it-22 ta' Diċembru 2017. Ġew intavolati diversi risposti, inkluż minn dawk il-partijiet li ġew illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

10. L-appell tas-soċjetà konvenuta Santa Katerina Construction LTD

(C36214) huwa msejjes fuq erba’ aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament siewi tal-provi stante li ma kellhiex issib lis-soċjetà konvenuta responsabbli għad-dannu soffert mill-attur għaliex ma kinitx responsabbli għall-kawża diretta tal-inċident (**L-Ewwel Aggravju tas-Soċjetà Konvenuta Santa Katerina)** (ii) illi l-imgħax fuq is-somma likwidata kellu jibda jiddekorri minn dakinhar tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u mhux mid-data li fiha ġiet intavolata l-kawża odjerna (**It-Tieni Aggravju tas-Soċjetà Konvenuta Santa Katerina)** (iii) li l-kumpens mogħti kellu jkun anqas u kellu jitnaqqas perċentwal ogħla minn dak ta’ 6% u flok kellu jitnaqqas bejn 15% u 20% bħala tnaqqis għall-pagament *lump sum* (**It-Tielet Aggravju tas-Soċjetà Konvenuta Santa Katerina)** (iv) illi ma kellhiex tiġi akkollata bl-ispejjeż ta’ dawk il-partijiet li ġew illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju (**Ir-Raba’ Aggravju tas-Soċjetà Konvenuta Santa Katerina)**.

11. L-appell tas-soċjetà konvenuta Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited huwa msejjes fuq tliet aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet lis-soċjetà konvenuta responsabbli għall-inċident u li ma sarx apprezzament siewi tal-provi u li fornitur ma għandux jinżamm responsabbli meta jkun biss ikkunsinna l-prodott ftit sigħat biss qabel ma jkun seħħ l-inċident. In oltre l-Ewwel Qorti njurat diversi fatti u l-Perit Tekniku sgwida lill-Ewwel Qorti b’konklużjonijiet li ma kinux fir-rapport iżda ntlaħqu waqt l-eskussjoni tiegħu (**L-Ewwel Aggravju tas-Soċjetà**

**Konvenuta Attard Blue Mix)** (ii) li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ordnat li l-imgħax kien ilu jiddekorri mill-preżentata tal-kawża odjerna stante li l-imgħax ma għandux jiddekorri fuq somma mhux likwidata (**It-Tieni Aggravju tas-Soċjetà Konvenuta Attard Blue Mix)** (iii) li l-kwantum tal-kumpens likwidat kien eċċessiv u li kellu jitnaqqas 20% bħala tnaqqis għall-pagament *lump sum* **(It-Tielet Aggravju tas- Soċjetà Konvenuta Attard Blue Mix).**

12. Ma tressaq l-ebda appell fil-konfront tad-deċide li lliberat il-konvenuti Hugo Chetcuti u l-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan mill-osservanza tal-ġudizzju u b'hekk dik il-parti tas-Sentenza tal-Ewwel Qorti llum tinsab fi stat ta' ġudikat.

13. L-attur appellat wieġeb billi saħaq illi s-Sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita li tiġi kkonfermata, u li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament siewi tal-provi fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti *qua* appellanti. Li l-Qorti għandha dritt tagħmel hi l-analiżi fir-rigward ta' meta huma dovuti l-imgħaxijiet legali u li fil-każ odjern jeżistu fatturi, inkluż: it-trapass ta' żmien, li t-talba magħmula ma kinitx esaġerata u li l-kumpens mitlub seta' faċilment jiġi kkalkulat, li jimmeritaw li l-imgħaxijiet jiġu kkalkulati minn dakinhar ta' meta ġie ppreżentat ir-rikors ġuramentat.

14. Qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha u

tindirizza l-aggravji, din il-Qorti rat mill-atti u tifhem li bdew isiru xogħlijiet fi Triq Santa Rita, li fl-atti tissejjaħ ukoll bħala Santa Rita Steps, San Ġiljan, fuq sit magħruf bħala Midnight Cowboy. Fil-kawża odjerna ġie mħarrek Hugo Chetcuti bħala l-allegat sid tal-istess sit, madankollu dan ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex ġie determinat li mhux hu s-sid tal-fond iżda jista' jkun li kienet kumpanija tiegħu Lifetime Limited. Ma tressqu l-ebda kuntratti rigward dan. Ix-xogħol fuq is-sit bdiet tieħu ħsiebu s-soċjetà konvenuta Santa Katerina, imqabbda minn Hugo Chetcuti jew is-soċjetà tiegħu. Anqas ma ġew ippreżentati dokumenti rigward dan. Is-soċjetà konvenuta Santa Katerina għamlet rampa fuq it-turġien li kien hemm quddiem is-sit sabiex ikunu jistgħu jgħaddu l-inġenji, bħal trakkijiet żgħar tal-materjal, li kienu qed jiġu wżati fis-sit (*fol.* 232). PC 928 Ramon Mifsud Grech xehed li din ir-rampa kienet magħmula mit-trab (*fol.*242), l-attur jixhed li r-rampa kienet miksija bil-konkos (*fol.*280). Mhux ċar x'permessi kien hemm bżonn sabiex titpoġġa din ir-rampa. Il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan jgħid li ma kellux x'jaqsam max-xogħol u li ma ta l-ebda permessi. Il-konklużjonijiet tax-xhieda tal-Malta Environment Planning Authority (MEPA) kienu li ma kienx hemm bżonn permessi stante li r-rampa kienet waħda temporanja (*fol.269)*.

15. Ġara li dakinhar tal-4 ta' Mejju 2007 bejn it-3 u l-5 ta' waranofsinhar – mhux ċar liema kien il-ħin eżatt stante li diversi xhieda jsemmu ħinijiet diversi entro dak il-perjodu, is-soċjetà konvenuta Attard Blue Mix ħadet

konsenja ta' siment f'dan is-sit; Orlando Cauchi, l-impjegat li wassal il-materjal, jgħid li wasal fl-4 ta' waranofsinhar u telaq fil-5 ta' waranofsinhar (*fol.327)*. Jidher li wara li dan il-materjal ġie fornut Orlando Cauchi naddaf it-trakk. Hu stqarr mal-pulizija li ħalla materjal warajh fuq ir-rampa, wara li kien ħasel it-trakk, u li dan ma ġabrux (*fol.228*). L-Ispettur Martin Sammut jixhed illi ttieħdu passi kriminali kontra Orlando Cauchi pero jidhirlu li ħareġ lliberat (*fol.230)* – ma tressqet l-ebda prova oħra rigward dan.

16. Aktar tard fil-ġurnata tal-4 ta' Mejju 2007, għall-ħabta tal-10 ta' fil-għaxija kien għaddej l-attur appellat sabiex imur jagħmel *part-time* u nnota li t-triq ma kinitx għadha mtarrġa iżda li tpoġġiet rampa (*fol.* 223). Jgħid li żelaq fuq materjal, ċamura, u kiser l-għaksa. PC 928 Ramon Mifsud Grech xehed li l-attur qallu li żelaq fejn jispiċċa t-trab u jibda l-madum għaliex is-siment skula għal fuq il-madum (*fol.*243). F'kontroeżami ieħor l-attur jgħid li "*Iz-zlieq beda fir-rampa. Nghid li l-ilma hareg mill-contruction site, nizel in-nizla u spicca fil-livell. Jien fir-rampa zlaqt" (fol.*295). Jixhed ukoll illi *"Nghid li dak il-likwidu li waqajt fuqu kien qisu milkshake. Meta fl-affidavit tieghi para 3 nghid li ghadu maghmul, nfisser b'dak il-kliem ukoll konkos li sar ħames sieghat qabel (fol.*301). Ġew ippreżentati ritratti taċ-ċamura maż-żarbun (*fol.* 221) u rapporti mediċi, inkluż *ex parte,* li jikkonfermaw dan. L-attur xehed li eżatt wara l-inċident hu tkellem ma' Hugo Chetcuti, li qallu li l-konkos kien tqiegħed dakinhar (*fol.*55). Jidher li l-attur kien jaħdem bħala *deejay*, pero t-talba għad-danni ġiet maħduma biss fuq l-impjieg tiegħu mal-Malta Shipyards

Ltd u dan skont FS3 ipprezentata mill-attur (*fol.35).*

17. Il-konvenuti fl-argumenti tagħhom isostnu li l-attur kkontribwixxa għall-inċident tiegħu. Hugo Chetcuti jgħid illi l-attur ammetta miegħu li kien nieżel mgħaġġel għax-xogħol (*fol.*313). Il-konvenuti wkoll jinsistu illi dakinhar kienet ġurnata sħuna li kien kważi beda s-sajf.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

***L-Ewwel Aggravju tas-Soċjetà Konvenuta Attard Blue Mix***

18. Is-soċjetà Attard Blue Mix, permezz tal-Ewwel Aggravju tagħha, tressaq ħames punti. Issostni illi mhuwiex konċepibbli li persuna li tforni materjal fuq sit ta' xogħol tinżamm responsabbli għall-inċident li jseħħ sigħat wara li hi tkun forniet il-materjal f'dak is-sit. Tgħid illi huwa l-kuntrattur inkarigat mix-xogħlijiet li jkunu għaddejjin f'dak is-sit li għandu l-pussess u l-kontroll fuq l-istess. Tgħid illi l-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku għandhom jiġu injorati stante li dawn żgwidaw lill-Ewwel Qorti. Li l-Perit Tekniku ma wasal għall-ebda konklużjoni rigward ir-responsabilità ta' min ikkawża l-inċident u kien biss wara li għalaq it-terminu tal-periti perizjuri li ndika li l-materjal li fuqu waqa' l-attur kienet ċamura li ma nixfitx. Is-soċjetà appellanta ssostni li skont ix-xhieda tal-Uffiċċju Metereoloġiku l-kundizzjonijiet tat-temp kienu tant li l-materjal, li kif semma l-Perit Tekniku, kienet ċamura, kellha tinxef u ssir trab u mhux tibqa' mxarrba kif

ta x'jifhem il-Perit Tekniku lill-Ewwel Qorti. Iżid jgħid li mhux ċar kif l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-materjal li fuqu allegatament waqa' l-attur kien l-istess materjal fornut minnha u dan f'post fejn jgħaddu mijiet ta' persuni. Anqas ma spjega l-attur kif hu kien l-uniku bniedem li ġralu l-inċident in kwistjoni.

19. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet fil-konfront tas-soċjetà appellanta Attard Blue Mix:

> "44.0. Illi fir-rigward tas-socjeta` intimata Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited, jinghad sintetikament is-segwenti:
>
> 44.1. Illi l-fuq imsemmi Orlando Cauchi li ha l-konkos fuq il- post fejn sehh l-incident u, li hasel it-trakk de quo bl-ilma, izda halla l-ilmijiet li tefa' fl-art fuq il-post, kien impjegat tas-socjeta` in kwistjoni;
>
> 44.2. Illi fil-fatt, dak indikat fil-paragrafu precedenti hu riflessjoni ta' dak li l-istess Cauchi qal lill-Pulizija meta kellmuh, (ara foll 227 u 228);
>
> 44.3. Illi ghalkemm jirrizulta lodevoli li dan Cauchi hasel il-parti ta' wara tat-trakk li bih hu ha il-konkos fil-post fejn sehh l- incident, hu daqstant kundannabbli li ma naddafx l- ilmijiet li hu stess tefa' fl-art in kwistjoni;
>
> 44.4. Illi kif jispjega l-perit tekniku involut fir-rigward, ghalkemm ovvajament, specjalment meta wiehed jikkonsidra li l-incident sehh fix-xahar ta' Mejju, l-ilma jevapora, xorta wahda tibqa' dik imsejha "camura" li tigi tizloq, (ara foll 358);
>
> 45. Illi konsegwentement jirrizulta wkoll li s-socjeta` intimata Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited hi wkoll responsabbli ghall-incident de quo minhabba negligenza u imprudenza fir-rigward;"

20. Din il-Qorti fliet kemm dak ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti u kemm l-atti u ma tqisx li hemm raġuni li tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti.

21. Jibda sabiex jingħad li mhux kontestat li l-attur għadda mill-post fejn kien qiegħed isir ix-xogħol. Mhux kontestati r-ritratti li ppreżenta l-attur. Kemm ir-rapport *ex parte* ppreżentat mill-attur u kemm ir-rapport tal-espert mediku mqabbad mill-Qorti juru li l-attur sofra minn ġrieħi li kkawżawlu diżabilità permanenti. Inutli li s-soċjetà appellanta Attard Blue Mix tipprova tqajjem xi dubju dwar l-inċident, jew inkella tkun sorpriża li dan seħħ lill-attur biss. L-inċident ġara u teżisti prova tal-istess.

22. Nonostante li s-soċjetà Attard Blue Mix tgħid li jinkombi fuq il-kuntrattur li jagħmel żgur li s-sit ma jkun ta' periklu għal ħadd, din il-Qorti xorta trid tiddetermina jekk jeżistix ness bejn l-azzjonijiet jew omissjonijiet tas-soċjetà konvenuta Attard Blue Mix u l-inċident li seħħ.

23. Din il-Qorti tosserva illi Orlando Cauchi, l-impjegat tas-soċjetà konvenuta li ħa l-konkos fuq is-sit, stqarr mal-pulizija illi: "*On that date he had done so as usual and as the water and cement fell on the stairs and on the slope he failed to sweep it away and left it there.*" Dan huwa mniżżel fir-rapport tal-pulizija datat il-5 ta' Mejju 2007, l-għada tal-inċident (*fol.*226*)*. Il-validità jew korrettezza ta' dan ir-rapport ma ġewx attakkati. Din il-Qorti tosserva wkoll li waqt ix-xhieda tiegħu quddiem il-Perit Valerio Schembri, Orlando Cauchi xehed il-kontra, u ċjoè: "*Nghid li l-art hallejtha minghajr capep tal-konkos nadifa kif stajt." (fol* 327).

24. Ipparagunati dawn iż-żewġ dikjarazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi huwa aktar kredibbli dak li Cauchi stqarr mal-pulizija milli fix-xhieda tiegħu fil-kawża odjerna u dan stante li ma jagħmel l-ebda sens li ma uffiċjal tal-pulizija l-istess Cauchi ammetta r-responsabbilità tiegħu biex wara jgħid li ma kien responsabbli xejn. Wara din l-ammissjoni, din il-Qorti tifhem li l-Ewwel Qorti qajla setgħet b'hekk teskludi mix-xena lis-soċjetà appellanti Attard Blue Mix.

25. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet klimatiċi, li permezz tagħhom is-soċjetà konvenuta tittenta toħloq dubju fuq l-istat tal-materjal li tħalla fejn seħħ l-inċident, l-Qorti rat l-informazzjoni prodotta mill-*Met Office (JS190601) (fol.*339). Jidher li l-informazzjoni mitluba mill-Met Office fit-taħrika ta' xhud kienet rigwardanti l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi ta' nhar l-4 ta' Mejju 2004 u mhux nhar l-4 ta' Mejju 2007 (*fol. 143* u *fol. 145)* u b'hekk l-informazzjoni provduta, anke skont dak imniżżel fir-rapport stess, kienet tirrelata mal-4 ta' Mejju 2004 u mhux mal-4 ta' Mejju 2007. Din l-informazzjoni qiegħda b'hekk tiġi mwarrba stante li mhux relevanti għall-ġurnata tal-inċident.

26. Fuq id-dubju li tipprova tqajjem is-soċjetà appellanta u ċjoè li ma setgħetx tifhem kif iċ-ċamura nixfet wara li seħħ l-inċident u qabel ma mar l-uffiċjal tal-pulizija PS928 Ramon Mifsud Grech fuq il-post, jiġi osservat li dan mar fuq il-post l-għada tal-inċident, ċjoè fil-5 ta' Mejju wara

nofsinhar u dan stante li kien xil-5.30 ta' wara nofsinhar ta' dik il-ġurnata li l-attur jidher li mar jagħmel rapport l-għassa ta' San Ġiljan (*fol.* 24). B'hekk din il-Qorti ma tara xejn stramb li dan il-materjal eventwalment nixef erbgħa u għoxrin siegħa wara li tħalla hemm.

27. Illi fir-rigward tal-argumenti oħra magħmula li kienet is-sħana u li kien ir-riħ, il-Perit Tekniku spjega li:

> *"Mistoqsi jekk ghalija hux rilevanti illi f'sitt sleghat l-ilma jista' jevapora tenut kont tal-fatt li kien fil-bidu tas-Sajf meta sar l-incident in dizamina nghid illi l-ilma per se jevapora wara certu hin pero ic-camura tibqa' u ghalhekk tigi tizloq. Tigi zlieq mhux issir trab. Mistoqsi jekk dan hux indikat fir-rapport nghid le."*

Din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita minn din l-ispjegazzjoni.

28. Osservazzjoni oħra, li ma jidhirx li ngħatat wisq importanza mis-soċjetà Attard Blue Mix hi li l-attur jgħid li kien hemm xi ilma ħiereġ mis-sit tal-Midnight Cowboy. Fix-xhieda tiegħu Hugo Chetcuti jgħid li ma kien ħiereġ l-ebda ilma (*fol.313)*. Dan huwa konkluż ukoll mill-Perit Schembri fir-rapport tiegħu. Din il-Qorti, wara li rat ir-rapport tekniku u x-xhieda ta' Chetcuti tqis li huwa aktar plawsibbli li ma kien ħiereġ l-ebda ilma li seta' kkawża l-inċident, anke għaliex ma ġiex osservat imkien li r-rampa kienet kollha mxarrba.

29. Konsegwentement, u wara li ġie evalwat dan kollu, din il-Qorti tqis li: (i) bejn l-ammissjoni ta' Orlando Cauchi ma' uffiċjal tal-pulizija li ħasel

it-trakk u ma naddafx warajh u (ii) bejn nuqqas ta' xi prova li tgħid li s-soċjetà konvenuta Santa Katerina ħaslet il-post in kwistjoni u b'hekk jew ħalliet ħafna ilma warajha jew naddfet dak li ma naddafx Orlando Cauchi u (iii) bejn il-fatt illi huwa ċar li l-attur waqa' f'materjal tal-kostruzzjoni biswit is-sit fejn kien tqiegħed il-konkos: din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti stante li huwa ferm plawsibbli, anke fin-nuqqas ta' xi argumenti oħra mressqa mill-konvenuta Attard Blue Mix, li l-attur żelaq fuq materjal li ħalla warajh l-impjegat tas-soċjetà konvenuta Attard Blue Mix, Orlando Cauchi. Konsegwentement ser tiċħad l-aggravju tal-istess soċjetà konvenuta Attard Blue Mix.

***L-Ewwel Aggravju tas-Soċjetà Santa Katerina***

30. Din il-Qorti ser tindirizza l-Ewwel Aggravju tas-soċjetà Santa Katerina, relatat mar-responsabbilità *o meno* tal-istess soċjetà. Is-soċjetà Santa Katerina ssostni illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament korrett tal-provi stante li kieku għamlet dan l-Ewwel Qorti ma kinitx issib lis-soċjeta' Santa Katerina responsabbli tal-inċident. Tgħid illi hi ma kinitx responsabbli tal-kawża prossima tal-inċident u li kien Orlando Cauchi, l-impjegat tas-soċjetà konvenuta Attard Blue Mix, li kien responsabbli. Tissottometti illi jeżisti dubju fuq il-lok li fil-verità seħħ fih l-inċident, u ċjoè jekk seħħx fuq ir-rampa temporanja mqiegħda sabiex jgħaddu trakkijiet

tal-materjal (*fol.319)* jew fuq il-parti tat-taraġ li hi parti mit-triq pubblika. Issostni li jista' jkun li hemm fatturi oħra li wasslu għall-inċident, inkluż li kkontribwixxa għall-inċident tiegħu stess l-attur. Tgħid li mhux ċar minn fejn joħroġ li hi kienet responsabbli li tissenjala t-triq bid-dwal u li f'każ li tinstab responsabbli għandha tkun biss ikkundannata li tħallas somma proporzjonali għar-responsabbilità tagħha.

31. Illi l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet relevanti għal dan l-aggravju:

> "43. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li bhala s-socjeta` responsabbli mix-xogholijiet in kwistjoni, hi s-socjeta` Santa Katarina Construction Limited li hi responsabbli ghall-incident in dizamina billi b'rizultat ta' negligenza u imprudenza naqset li tiehu dawk il- mizuri necessarji li bihom tizgura li ma kienitx qed tesponi lill- pubbliku ghal perikolu, liema perikolu effettivament wassal ghall- incident in dizamina;"

32. Illi l-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> "20.3. Illi tramite s-socjeta` Lifetime Limited li taghha hu l-uniku direttur[1], kien inkaraga kuntrattur biex jaghmel ix- xogholijiet fuq is-sit li qabel kien jismu "Midnight Cowboy", liema kuntrattur kienet is-socjeta` Santa Katerina Construction Limited, (ara foll 313);
>
> Ikkunsidrat:
>
> 21. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1037 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti:
>
>> *"Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il- persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi";*

[1] L-Ewwel Qorti hawn qed tirreferi għal Hugo Chetcuti

22. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Gurisdizzjoni Superjuri), fis-sentenza fl-ismijiet George u Miriam konjugi Grech vs. Direttur tat-Toroq et, datata s-6 ta' Gunju, 2006 li mic-Charelsworth: On Negligence (2 – 304) fejn jigi kkwotat Lord Justice A.L. Smith, tghid:

> *"When a person employs a contractor to do work in a place where the public are in the habit of passing, which work will, unless precautions are taken, cause damage to the public, an obligation is thrown upon the person who orders the work to be done to see that the necessary precautions are taken, he cannot escape liability by seeking to throw the blame on the contractor";*

….

Ikkunsidrat:

27.0. Illi minn ezami tar-rizultanzi fuq elenkati jirrizulta s-segwenti:

27.1. Illi x-xoghol effettiv kien gie ezegwit mis-socjeta` Santa Katarina Construction Limited;

27.2. Illi x-xoghol in dizamina sar fuq proprjeta` tas-socjeta` Lifetime Company Limited;

27.3. Illi l-intimat Chetcuti hu l-uniku direttur tas-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti;

28. Illi fid-dawl tas-suespost, a bazi ta' probabilita`, jirrizulta li x- xoghol in dizamina inghata lis-socjeta` appaltata Santa Katarina Construction Limited mis-socjeta` Lifetime Company Limited li fiha l-intimat ikkoncernat Chetcuti kien jagixxi bhala direttur ewlieni;

Ikkunsidrat:

29. Illi in vista tal-premess, l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-istess intimat Chetcuti ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

B. Dik eccepita mill-Kunsill Lokali intimat:

30. Illi l-Kunsill Lokali intimat ukoll jeccepixxi li mhux il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni proposta mir-rikorrenti, (ara foll 58);

31. Illi minn ezami tad-dokumenti in atti u tax-xhieda kollha migbura, ma jirrizultax li l-Kunsill Lokali de quo kien hareg xi permessi fir-rigward tar-rampa in dizamina;

32. Illi kif jixhdu rapprezentanti tal-Awtorita` responsabbli mill-Ambjent u l-Ippjanar, l-istess Kunsill Lokali ma kienx involut fir- rigward

– la fl-istadju meta inbdew ix-xogholijiet u lanqas fil- perjodu meta kienu qed jigu esegwiti l-istess xogholijiet, (ara foll 198), u dan, stante li r-rampa in kwistjoni kienet wahda ta' natura temporanja li ma kienitx tinnecessita` l-bzonn ta' permessi mill- imsemmija Awtorita` jew mill-Kunsill Lokali de quo;

33. Illi in vista tal-premess il-Kunsill Lokali in dizamina ma jistax jinzamm responsabbli ghal kwalunkwe dannu rizultanti mix- xogholijiet in kwistjoni;

34. Illi in effetti ma jirrizultax li intalab il-hrug ta' xi permess fir- rigward mill-Kunsill Lokali de quo, (ara foll 200);

Ikkunsidrat:

36. Illi in vista tal-premess, din l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kunsill Lokali intimat ghandha wkoll tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

C. Dik eccepita mis-socjeta` intimata Attard Bros. Co. Ltd.:

37. Illi din is-socjeta` ukoll eccepiet li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, (ara foll 74);

38. Illi in vista tad-digriet datat id-29 t'April, 2009, l-istess socjeta` kienet giet sostitwita fl-atti mis-socjeta` Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited, (ara foll 92);

39. Illi jirrizulta effettivament li din is-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti kienet fil-fatt ikkonsenjat il-konkos uzat fil-progett de quo lis-socjeta` Santa Katarina Construction Limited;

40. Illi in vista tal-premess, l-eccezzjoniji preliminari hawn sollevata giet debitament sorvolata, (ara digriet a foll 92);

41. Illi konsegwentement, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess; 13

Ikkunsidrat:

42.0. Illi fuq il-mertu tal-vertenza odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:

42.1. Illi kif jirrizulta mir-ritratt li juri z-zarbun u l-qalziet tar- rikorrenti immedjatament wara l-incident, dawn juru tracci evidenti ta' siment fuqhom, (ara foll 221);

42.2. Illi l-istess jirrizulta ikkonfermat mir-rikorrenti fid- deposizzjoni tieghu tas-6 ta' Lulju, 2010, (ara foll 280 u 281);

42.3. Illi meta s-Surgent tal-Pulizija inkarigat mar fuq il-post tal-incident dan jikkonferma li kien sab "liquid cement" fl- art li pero` kien xott, u b'ticlis mal-art li kien lahaq nixef, (ara foll 242);

42.4. Illi r-rampa li inbniet kienet wahda ta' natura temporanja intiza biex tiffacilita s-sewqan tal-gaffa li kienet qed tintuza fix-xoghol in kwistjoni, (ara foll 198);

42.5. Illi din ir-rampa inbniet mis-socjeta` intimata Santa Katarina Construction Limited, (ara foll 198);

42.6. Illi l-inkarigu ghax-xoghol de quo inghata lis-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti mill-intimat Chetcuti kif deskritt qabel, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin, (23.), aktar qabel);

42.7. Illi jirrizulta pacifiku li wara li Orlando Cauchi tas-socjeta` Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited kien effettwa l-konsenja tal-konkos in dizamina u hasel it-trakk li bih wassal il-konkos fuq il-post, naqas li jnaddaf ir-rampa mill-ilmijiet li hu kien hekk halla fuq il-post, (ara foll 198);

42.8. Illi jirrizulta li s-socjeta` Santa Katarina Construction Limited kienet is-socjeta` li kienet giet inkarigata biex tezegwixxi x-xogholijiet ta' kostruzzjoni fejn sehh l- incident de quo;

42.9. Illi din is-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti ma kienitx dawlet il-post fejn kien sar l-incident biex ikun hemm bizzejjed dawl meta jidlam, (ara foll 243), li jkun jista' jippermetti lil kull minn juza dik it-trejqa jaghmel dan b'inkolumita`;

42.10. Illi lanqas jirrizulta li thallew xi sinjali jew xi zbarra f'dan is-sens, (ara foll 243), biex jindikaw li kien hemm xoghol u konkos frisk;

42.11. Illi ghalhekk jirrizulta li l-istess Cauchi, bhal hafna haddiema u kuntratturi fir-rigward, naqas bi kbir li jiehu hsieb l-area pubblika fejn kien qed jahdem, haga li l- istess haddiema f'dan is-settur partikolari huma obbligati li jikkunsidraw ghall-gid komuni li jinjoraw;"

33. Din il-Qorti rat l-argumenti mressqa mis-soċjetà konvenuta Santa Katerina u qieset il-provi mressqa u ma tqisx li hemm raġuni għaliex għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti.

34. Is-soċjetà konvenuta Santa Katerina ssostni illi jeżisti dubju jekk l-inċident seħħx fuq ir-rampa magħmula minnha jew le. Huwa minnu li meta wieħed jara x-xhieda u l-konklużjonijiet tal-Perit Valerio Schembri, teżisti l-possibbiltà li l-inċident seħħ jew fuq ir-rampa jew inkella fuq il-madum pubbliku eżatt kif tispiċċa r-rampa. Madankollu dan ma jiskolpax lis-soċjetà Santa Katerina.

35. Il-mument li s-soċjetà Santa Katerina għamlet ir-rampa hija saret responsabbli minnha. Huwa minnu li ma kinitx is-soċjetà Santa Katerina, jew l-impjegati tagħha, li tefgħu u/jew ħallew materjal li kkawża l-inċident jew li utilizzaw l-ilma fuq ir-rampa. Iżda fil-każ in kwistjoni, dan il-materjal intuża fil-kostruzzjoni li kienet għaddejja mis-soċjetà appellanta u tħalla fuq rampa mqiegħda mis-soċjetà Santa Katerina stess biex jgħaddu inġenji tax-xogħlijiet relatati mas-sit ta' kostruzzjoni biswit ir-rampa. Konsegwentement għandu jsegwi li l-istess soċjetà Santa Katerina, bħala l-kuntrattur responsabbli mix-xogħol, kellha tara li l-ambjenti utilizzati għall-istess xogħol ma jkunux ta' periklu għal terzi u li anqas jintlaħqu minn min ikun għaddej minn hemm.

36. Illi jekk il-materjal li tħalla fuqha skula għal fuq dik il-parti tat-triq fejn spiċċat ir-rampa, u fejn allura jiġi kkunsidrat li hi triq pubblika, ma jfissirx li s-soċjetà Santa Katerina għandha tiġi eżentata minn kull responsabbiltà għaliex teżisti possibilità li l-inċident seħħ eżatt kif tispiċċa r-rampa u dan

stante li kien materjal tal-kostruzzjoni relatat max-xogħlijiet li kienet responsabbli minnhom is-soċjetà Santa Katerina li tħalla fuq dik ir-rampa li kkawża l-inċident.

37. Din il-Qorti tqis li s-soċjetà Santa Katerina hi responsabbli għal dak li jseħħ fuq jew bħala konsegwenza ta' xogħlijiet magħmula minnha jew fuq struzzjonijiet tagħha fi spazzji pubbliċi li jitħallew aċċessibbli għall-pubbliku.

38. Illi din il-Qorti tqis li l-anqas ħaġa li setgħet tagħmel is-soċjetà Santa Katerina hu li tiżgura li r-rampa mqiegħda minnha stess quddiem il-lok fejn kien qiegħed isir ix-xogħol ma tkunx fi stat li potenzjalment tikkawża xi inċident.

39. Illi mhux kontestat li ma kienx hemm senjalar. Anzi s-soċjetà appellanti tittenta tgħid li mhux ċar minn fejn joħroġ li hi kellha l-obbligu li tagħmel tali senjalar. Madankollu jerġa' jiġi aċċennat li fejn hemm xogħlijiet għaddejjin u jista' jiġi affettwat l-ambjent pubbliku, is-senjalar huwa l-anqas ħaġa li wieħed jistenna li kuntrattur għandu jqiegħed sabiex jagħti preavviż lill-pubbliku sabiex jużaw il-prekawzjoni neċessarja meta jgħaddu minn tali sit. Kienet tkun storja differenti kieku s-soċjetà konvenuta aġixxiet bi prudenza u ħadet dawk il-prekawzjonijiet li setgħet ħadet.

40. Fil-kawża fl-ismijiet "**Joseph Cachia v. Carmelo Conti *et***", Appell Ċivili, 2 ta' Marzu, 1964 intqal:

> "(1) Huwa opportun li jigi registrat fl-ewwel lok illi, kif deciz, "l-accident mhux xi entita astratta izda hu fatt li gara kif inhu fix-xorta u l-entita tieghu; event bl-incidenti inerenti mieghu in kwantu minnu jidderivaw danni; il-kwestjoni mhix biss ta' kawzalita` izda wkoll ta' responsabilita`, u min bin-negligenza tieghu kkawza jew ikkontribwixxa biex jikkawza d-danni li jkunu graw ikun ikkawza jew ikkontribwixxa biex jikkawza l-'accident' u *pro tanto* hu responsabbli ghalihom".

Huwa appuntu l-fatt illi s-soċjetà Santa Katerina naqset milli tiżgura li l-pubbliku jkun infurmat bix-xogħol li qed isir fil-madwar u li jista' jkun hemm periklu li jżommha responsabbli għall-inċident li seħħ u li fil-fehma ta' din il-Qorti għandha żżommha responsabbli flimkien mas-soċjetà konvenuta Attard Blue Mix *in solidum*.

41. L-argument tas-soċjetà Santa Katerina li ma seħħ ebda inċident ieħor ma jbiddilx il-fatt li dan l-inċident seħħ. Is-soċjetà Santa Katerina tissottometti wkoll li l-attur kkontribwixxa għall-inċident, iżda oltre li ma tispjegax il-kif, mill-provi jidher li kulma għamel l-attur kien li mexa minn tali parti tat-triq u mhux li qagħad jitkessaħ fuqha.

42. Konsegwentement, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

***It-Tieni Aggravju tas-Soċjetà Santa Katerina u tas-Soċjetà Attard Blue Mix***

43. Illi permezz tat-Tieni Aggravju, is-soċjetà Santa Katerina tħossha aggravata bil-fatt illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi l-imgħaxijiet kellhom jibdew jiddekorru minn dakinhar tal-preżentata tal-kawża odjerna u ċjoè mit-18 ta' Ġunju 2008. Tgħid illi dan imur kontra l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, meta mit-talbiet imressqa huwa ċar li l-attur talab li l-qorti tillikwida l-kumpens u ma kienx hemm insistenza illi jiġi mogħti mgħax minn dakinhar li ġiet intavolata l-kawża odjerna. Barra minn hekk kien fil-mument meta ngħatat is-sentenza illi s-somma saret ċerta, likwida u dovuta u b'hekk isegwi li kull aċċessorju ieħor isir dovut fl-istess mument.

44. Is-soċjetà Attard Blue Mix ukoll issostni illi l-Ewwel Qorti marret kontra l-preċett ġuridiku li l-imgħax ma jimxix fuq somma mhux likwidata.

45. Illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx xi kunsiderazzjoni partikolari fuq din il-kwistjoni u fid-deċide ordnat illi l-imgħax għandu jiddekorri minn dakinhar li ġiet intavolata l-kawża odjerna.

46. Illi l-attur talab illi tkun l-Ewwel Qorti li tillikwida d-danni pretiżi minnu u ma talabx xi somma speċifika. Kien biss waqt il-prosegwiment tal-kawża li l-attur ippreżenta prospett ta' danni (*fol 19)* li kien jindika l-kumpens mitlub minnu. Konsegwentement l-imgħax ma jistax jibda jiddekorri qabel ma l-kreditu ġie likwidat kif wara kollox hi l-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati.

47. Konsegwentement u applikat il-prinċipju *in illiquidis non fit mora*, din il-Qorti qed tilqa' dawn iż-żewġ Aggravji tal-soċjetà konvenuta Santa Katerina u tas-soċjetà konvenuta Attard Blue Mix.

***It-Tielet Aggravju tas-soċjetà Santa Katerina u tas-soċjetà Attard Blue Mix u r-Raba' Aggravju tas-soċjetà Santa Katerina***

48. Illi permezz tat-Tielet Aggravju, is-soċjetà Santa Katerina saħqet illi t-tnaqqis ta' 6% għall-pagament *lump sum* huwa wieħed baxx iżżejjed u li kellu jkun fil-marġini ta' bejn il-15% u l-20% speċjalment meta l-attur kien qed jitlob danni f'ammont li huwa 300% aktar minn dak likwidat u b'hekk qatel kull opportunità li jsir *out of court settlement.*

49. Is-soċjetà Attard Blue Mix, fit-Tielet Aggravju tagħha, ssostni illi d-danni likwidati huma eċċessivi u li kellha tiġi likwidata somma anqas. Iżżid li kellu jitnaqqas 20% għall-pagament *lump sum* u li l-ispejjeż għandu jbatihom l-attur stante li kellu pretensjonijiet eċċessivi.

50. Illi fir-Raba' Aggravju, is-soċjetà Santa Katerina tgħid illi hi tħossha aggravata li ġiet akkollata bl-ispejjeż kollha u li l-attur kellu jbati l-ispejjeż ta' dawk il-konvenuti li ġew illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

51. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet relevanti

għall-aggravji in kwistjoni:

> "Ikkunsidrat:
>
> 57. Illi fir-rigward tat-tnaqqis li jsir minhabba il-pagament f'daqqa de quo issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Annunziata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri, datata s-27 ta' Frar, 2004, li irribadiet li:
>
> > *"...ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv";*
>
> 58. Illi kif ukoll irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet Joseph Agius et vs. All Services Limited, datata t-2 ta' Gunju, 2005:
>
> > *"F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l- percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal- qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il- percentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l- kawza ddum biex tigi deciza";*
>
> Ikkunsidrat:
>
> 59. Illi jirrizulta li l-kawza odjerna giet intavolata fit-18 ta' Gunju, 2008, (ara foll 1);
>
> 60. Illi l-istess ser tigi deciza f'Dicembru, 2017, (ara foll 457);
>
> 61. Illi konsegwenza tal-istess ser isir tnaqqis tal-lump sum payment ta' sitta fil-mija, (6%);"

U waslet għas-segwenti deċide:

> "65.8. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mid-data tal-prezentata tal-procedura odjerna, senjatament mit-18 ta' Gunju, 2008, sad-datat tal-effettiv pagament."

52. Illi fejn l-aggravji in kwistjoni jikkonċernaw it-tnaqqis *lump sump*, llum il-ġurnata teżisti ġurisprudenza li tipprovdi li meta jiġi kkalkulat il-perċentwali tat-tnaqqis, stante li l-kumpens ikun ser jingħata bħala somma waħda f'daqqa, għandu jittieħed kont ukoll taż-żmien li l-kawża

ħadet sabiex tiġi deċiża. Din il-pożizzjoni ġiet ikkonfermata reċentement fil-kawża bl-ismijiet **Samuel Leone Ciantar v. Fahreneit Freight Forwarders Company Limited** (C 17421)[2]:

> "*67. Jifdal il-kwistjoni dwar jekk is-somma likwidata favur l-attur appellant għandhiex tkun soġġetta għar-regola tal-lump sum reduction fl-ammont ta' 20%. Dan it-tnaqqis isir għaliex l-attur ikun qiegħed jieħu bil-quddiem il-qligħ li, li kieku ma kienx għall-inċident, kien jieħdu fil-ġejjieni (ara Raymond Sammut v. Anthony Micallef deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2015).*
>
> *68. Filwaqt li huwa minnu li s-soltu jkun hemm tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa, madankollu miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum biex tiġi deċiża (ara Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022 u Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020).*
>
> *69. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan ir-rigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li t-tnaqqis minħabba l-lump sum payment għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022, Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021, Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, Anna Sammut et v. Sammy Meilaq nomine et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005, u Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell fis27 ta' Frar, 2004).*
>
> *70. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara Richard Attard et v. Road Construction Co. Ltd et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021).*
>
> *71. Din il-Qorti tqis li din is-sentenza finali qiegħda tingħata disa' snin wara li nbdew dawn il-proċeduri. Din il-Qorti tara li għandu jkun hemm tnaqqis biss ta' 2% mis-somma likwidata. B'hekk, is-somma likwidata ta' €8,425.62 għandha tinżel għal €8,257.11.*"

53. Fil-każ odjern ma tressaq l-ebda appell mill-attur li l-perċentwali

[2] Qorti tal-Appell – Deċiża 12 ta' Lulju 2023 - Rikors numru 859/14/1 LM

mnaqqas ta' 6% kellu jkun anqas jew xejn avolja għaddew ħmistax-il sena mill-ftuħ tal-kawża u fid-dawl tal-ġurisprudenza li hawn ċitata din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni li tbiddel id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

54. Minbarra dan, u fir-rigward tal-kumplament tal-aggravju tas-soċjetà Santa Katerina din qajla ġġustifikat jew spjegat kif l-attur appellat talab kumpens eżorbitanti meta t-talba tiegħu hija dwar somma li kellha tkun likwidata u meta, minbarra dan, l-Ewwel Qorti mxiet fuq ir-rapport tal-espert mediku. Fir-rigward ta' dak li saħqet is-soċjetà Attard Blue Mix, u ċjoè li l-attur kellu xi pretensjonijiet eċċessivi, huwa biss attentat fqir sabiex din il-Qorti tagħmel xi riapprezzament fuq dikjarazzjonijiet mhux sostnuti mill-fatti. Din il-Qorti ma tarax xi raġuni b'hekk li għaliha għandha tiddisturba l-insenjament tal-Ewwel Qorti fir-rigward tas-suespost. Wara kollox id-differenza bejn dak li talab l-attur waqt il-kawża u dak li llikwidat il-Qorti hi biss ta' ftit eluf ta' ewro.

55. Illi fir-rigward tar-raba' aggravju tas-soċjetà Santa Katerina, u ċjoè li ma kellhiex teħel hi dawk l-ispejjeż tal-konvenuti li ġew illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju, din il-Qorti taqbel mal-pożizzjoni tal-istess soċjetà stante li għalkemm isegwi illi l-parti telliefa għandha tiġi mgħobbija bl-ispejjeż, dan ma jfissirx li dawn għandhom jiġu mgħobbija b'dawk l-ispejjeż li ġew inkorsi minn konvenuti li ġew imħarrka inutilment mill-attur, għalhekk ser isir aġġustament tal-ispejjeż tal-kawża.

**Deċide**

56. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appelli billi:

a. tħassar dik il-parti tas-sentenza li tipprovdi li l-imgħaxijiet legali bdew jiddekorru mit-18 ta' Ġunju 2008 u minflok tordna li l-imgħaxijiet legali jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata;

b. tirriforma s-sentenza appellata in kwantu li l-ispejjeż tal-konvenuti Hugo Chetcuti u l-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jiġu sopportati biss mill-attur;

c. tiċħad il-kumplament tal-aggravji u tikkonferma l-kumplament tas-Sentenza tal-Ewwel Qorti;

d. Spejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati f'25% mill-attur appellat u 75% mis-soċjetajiet Attard Blue Mix Concrete Supplies Ltd u Santa Katerina Construction Limited *in solidum.*

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr